Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAL ĦAMSA U ĦAMSIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ħamis, 15 ta' Diċembru 2011

**Ħin:** Mis-6.00pm sas-7.30pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello ( 6.30pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Trevor Degiorgio

**Skuzat:** Is-Sur Guido Borg

Il-Viċi-Sindku ħa s-siġġu u l-laqgħa bdiet peres li s-Sindku kien għadu ma wasalx minħabba xogħol.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill emajl li ġġib id-data tal-14 ta' Diċembru 2011 mingħand il-Kunsillier G. Borg fejn informa lill-Kunsill illi ser ikun qed jattendi laqgha fuq xogħol tal-Kunsill u ma jistax jattendi għal-laqgħa (mehmuza).

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tal-Erbgħa u Ħamsin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Erbgħa u Ħamsin laqgħa ta' nhar il-Erbgħa, 16 ta' Novembru 2011. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Vici Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti ghall-approvazzjoni mis-Sur J.Cassar, li kien issekondat mill-Kunsillier T.Degiorgio. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il- Vici Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti</u>**

L-Aġent Segretarju informa lill-Kunsill illi gejna infurmati mill- Government Property Division illi l-informazzjoni mitluba irċevewa u li ser jitkompla il-proċess ta' devoluzzjoni tal-propjeta fi Triq Wesgħa Prof. Guze Bonnici.

Wara li nkitbet ittra lis-sidien li tellgħu boundary wall biex titneħħa fis-sit ta' kostruzzjoni fi Triq Mdina c/w De Paule Avenue, dan l-avviz jidher li ġie njurat mis-sidien u għalhekk ġie deċiz li tintbgħat Final Notice u f'kaz li ma' jkun sar xejn tittieħed azzjoni legali.

## 3. Korrispondenza

**Ittra Numru 1288/11 –** Ittra mingħand ċittadin fejn dan qed jitlob lura mill-Kunsill spejjez li għamel fuq il-karrozza tiegħu wara li għadda minn ġo pothole fi Triq Idmejda li nqalet wara weekend ta'xita kontinwa. Il-kunsill iddeċieda li 'l-klijent jtħallas ta' l-ispejjez wara li jissottometti l-irċevuti fiskali.

**Ittra Numru 1292/11** – Wara li saret talba biex jinstab mezz kif fi Triq Valent Muscat tkun tista' tinfetaħ għat-traffiku ġie deċiz li tinkiteb ittra lill-Transport Malta fejn minħabba 'l-fatt li t-triq hija dejqa,tipprova tinstab soluzzjoni f'kaz li Triq il-Papa Alessandru XII tkun magħluqa minħabba xi inċident jew għal xi raġuni oħra.

**Ittra Numru 1342/11** – Ittra minn Kazin San Gabriel biex il-Proġett tal-Pjazza jiġi estiż minn quddiem il-każin. Il-Kunsill ddeċieda li għandha tintbgħat ittra ta' ringrazzjament tas-suġġeriment imma minħabba deadlines li jridu jiġu miżmuma, dan ma' jistax jsir pero' ma jeskludix il-fatt li fil-futur is-suġġeriment li ngħata jiġi mwettaq.

**Ittra Numru 1353/11** – Talba mill-MHEC biex jerġgħu jsiru klassijiet ta' l-Aerobics mingħajr ħlas. Il-Kunsill innota li numru kbir ta'parteċipanti ma kienux nies tal-Lokalita għax meta fetħu l-applikazzjonijiet dawn ġew minbarra il-lokal b'konsegwenza li ħafna Balzanin baqgħu barra. Għalhekk ġie deċiz li il-lezzjonijiet jerġgħu isiru imma din id-darba taħt l-inizzjattiva tal-Kunsill Lokali u għan-nies ta' Ħal Balzan biss.

**F'Dan il-Ħin daħal Is-Sindku li kompla ppreseda il-Laqgħa.**

**Ittra Numru 1360/11** – Talba għal kopja tal-minuti minn mis-Sinjura D. Bonello li toqgħod Ħal Balzan. Il-Kunsill ma sab l'ebda oġġezzjoni li dawn jingħataw għax dawn huma dokumenti pubbliċi.

**Ittra Numru 1361/11** – Ittra mingħand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex tiġi mġedda il-policy ta' l-insurance. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jsir dan.

## 4. Diskussjoni dwar l-offerti li ntefgħu rigward "Project Administrator fuq il-Proġett ERDF 205" u il-Ħatra ta' Kumitat ta'Evalwazzjoni.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra iz-żewġ offerti li ntefgħu għal-din il-pozizzjoni. Għal dan il-għan ġie mwaqqaf kumitat ta' evalwazzjoni li jinkludi Is-Sindku, Is-Segretarju Eżekuttiv, Is-Sur T. Degiorgio kif wkoll jiġi mqabbad il-perit tal-Kunsill is-Sur Bezzina biex jagħti parir tekniku fuq din il-pożizzjoni.

## 5. Diskussjoni dwar il-laqgħa ta' koordinazzjoni li saret bejn il-Kunsill u l-entitajiet Governattivi jew Privati u il-Kuntrattur għal-xogħlijiet li jridu jsiru fuq il-Proġett ERDF 205 "*Regenerating Balzan Square and Implementing a Tourist Heritage Trail.*"

Is-Sindku informa lill-Kunsill li'l-laqġħa li saret bejn id-diversi entitajiet Governattivi/Privati serviet ta' preparazzjoni fit-twettiq u tfassil tal-proġett biex kemm jista' jkun jiġu evitati problemi li jistgħu ixekklu ix-xogħlijiet li jridu jsiru fuq il-pjazza.

Waqt din il-laqgħa, is-Sindku semma punt li tqajmet matul din il-laqgħa minn naħa tal-Water Services Corporation fejn infurmawna li mill-Pjazza għaddejin minn taħt l-art żewġ mains ta' l-ilma li qedd jissuplixxu lill-Isptar Mater Dei u il- lokalita tal-Ħamrun.

Huma qalulna li dawn il-mains ikunu jridu jinbiddlu u għalhekk ikun hemm involuta l-ispiża ta’ madwar 40,000 ewro li żgur il-Kunsill ma jiflaħx iħallas għaliha, aktar u aktar meta dawn il-mains mhux qed jaqdu il-lokalita ta’ Ħal Balzan.

Għalhekk ġie deċiz u intbagħtet email lill- Perit Joseph Curmi, Water Services Corporation fejn ġie spejgat dan kollu lilu u biex jara x’inhi il-problema ħalli din tkun tista’ tiġi solvuta mingħajr ebda spejjez għall-Kunsill.

## 6. Diskussjoni dwar il-Petizzjoni mressqa mir-residenti ta’ Triq Il-Kannizzata

Il-Kunsill innota li sfortunatament wara li l-uffiċċju kien irċieva ħafna lmenti mir-residenti li joqħodu fl-inħawi ta’ Triq San Gabriel wara li din ġiet one-way u li għalhekk saret laqgħa għalihom biex tinstab l-ahjar soluzzjoni possibbli, kull ma attendew u wrew interess kienu biss ħamsa.

Is-Sindku qal li xorta din il-laqgħa serviet tajjeb għaliex dawk preżenti fehmu x’inhi il-posizzjoni tal-Kunsill li jrid isib bilanċ bejn dawk kollha involuti biex l-influss ta’ traffiku li jgħaddi minn dawk l-inħawi jonqos u jonqos b’mod ekwu minn kullimkien.

Ġie deċiz li tintbagħat ittra lil Transport Malta fejn tiġi introdotta sistema ta’ One Ways u No Through Traffic b’konsegwenza li ir-residenti jinqdew aħjar u bla periklu ta’ sewqan perikoluż. Din il-proposta għaddiet ghall-vot fejn is-Sindku ppropona li jsir dan u il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Vot għadda unanimament.

## 7. Rapport ta’l-Effiċienza ta’ L-Impjegati tal-Kunsill

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti ta’ l-Effiċjenza għas-sena 2011 fir-rigward ta’ limpjegati tal-Kunsill, s-Sinjura M. Casha u s-Sinjorina D. Farrugia. Tqiegħdu ukoll fuq il-mejda tal-Kunsill, estratti mill-avviż legali 127 ta’ l-1998 (artiklu 19) u minn avviz legali 64 ta’ l-2001 (artiklu 3). Il-Kunsill unanimament approva li s-Sna M. Casha tingħata performance bonus ta’ 5% tas-salarju tagħha filwaqt li s-Sna D. Farrugia tingaħta performance bonus ta’ 6% tas-salarju tagħha.

## 8. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is-Sindku informa lil Agent Segretarju biex jara fiex waslet il-proċess tad-Devoluzzjoni tal-garaxx tal-Kunsill.

## 9 . Rapport tal-Ilmenti

**Ilment Nru 17011010150233**: Is-Sindku qabbad lill-Aġent Segretarju biex jinxtraw sinjali tat-traffiku (Parking within the Bay) u jitwaħħlu fi Triq B. Bontadini. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Ilment Nru 17011062149747**: Talba biex tiġi rranġata Triq Il-Ferrovija bejn Triq San Frangisk u Triq Il-Kannizzata. Din it talba tista’ tiġi kkunsidrata dejjem jekk jippermettu il-fondi tal-Kunsill.

**Ilment Nru 17011089155090**: Talba biex il-parti t'isfel ta' Vjal Sir Mikelangelo Refalo issir one-way. Din it-talba ħa tiġi kkunsidrata mill-Kunsill.

**Ilment Nru 17011008156162**: Talba biex Bus Route 55 ma' tgħaddix mill-parti t'isfel ta' Triq Il-Kbira. Il-Kunsill qabbad lil Agent Segretarju biex jikteb lil Transport Malta biex il-Bus Route 55 tibda tgħaddi minn kif kienet tgħaddi qabel ir-Rotta l-antika Route 40.

**Ilment Nru 17011012158068:** Suġġeriment li jitwaħħlu CCTV cameras fl' area tal-Bring In Sites. Il-Kunsill innota dan pero' muhiex possibbli li jsir dan għalissa.

**10. Approvazzjoni biex isir il-ħlas**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data ta' l-15 ta' Diċembru 2011 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' €.32586.24

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**11. Affarijiet Oħra**

L-Aġent Segretarju poġġa quddiem il-Kunsill tlett quotations għall-ikla ta'l-istaff party li għandu jsir nhar it-Ġimgħa 23 ta' Diċembru 2011. Hawnhekk il-Kunsill għażel l-irħass waħda għal-prezz ta' €15 kull persuna.

Il-Kunsillier T. Degiorgio xtaq jinforma il-Kunsill fejn ippropona li l-Aġent Segretarju Is-Sur M.Mallia jiġi tal-post u jinħatar Segretarju tal-Kunsill. Din il-proposta ġiet ssekondata mill-Viċi Sindku J.Galea. Din ġiet approvata unanimament u talab lil-Aġent Segretarju biex jibda' l-proċess ta' dan. L-Aġent Segretarju rringrazzja 'l-Kunsill tal-fiduċja li wrew fiħ

**Għeluq**: Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 11 ta' Jannar, 2012 fil-5.30pm

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mr. M. Mallia**
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Data